



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-121/17

Teva UK Ltd et  
vs  
Gilead Sciences Inc.

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division (patents courts))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Prodotti mediciinali għall-użu mill-bniedem – Trattament tal-virus tal-immunodeficienza umana (HIV) – Prodotti mediciinali ta’ referenza u prodotti mediciinali ġeneriċi – Ċertifikat ta’ protezzjoni supplimentari – Regolament (KE) Nru 469/2009 – Artikolu 3(a) – Kundizzjonijiet għall-kisba – Kunċett ta’ ‘prodott protett minn privattiva bażika fis-seħħ – Kriterji ta’ evalwazzjoni”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-25 ta’ Lulju 2018

*Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Legiżlazzjonijiet uniformi – Proprietà industriale u kummerċjali – Dritt ta’ privattiva – Ċertifikat ta’ protezzjoni supplimentari għall-prodotti mediciinali – Kundizzjonijiet għall-kisba – Prodott kopert minn privattiva bażika fis-seħħ – Applikazzjoni ta’ prodott kompost minn kombinazzjoni ta’ ingredjenti attivi – Kriterji ta’ evalwazzjoni*

*(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 469/2009, Artikolu 3(a))*

L-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar iċ-ċertifikat ta’ protezzjoni supplimentari għal prodotti mediciinali, għandu jiġi interpretat fis-sens li prodott kompost minn diversi ingredjenti attivi li għandhom effett ikkombinat huwa “protett minn privattiva bażika fis-seħħ”, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, sakemm il-kombinazzjoni tal-ingredjenti attivi li jikkomponuh, anki jekk ma hijiex imsemmija b'mod espliċitu fit-talbiet tal-privattiva bażika, isir neċċessarjament u spċifikament riferiment għaliha f'dawn it-talbiet. Għal dan il-għan, mill-perspettiva tal-bniedem tas-sengħa u abbażi tal-istat attwali tat-teknika fid-data tal-preżentata jew ta’ priorità tal-privattiva bażika:

- il-kombinazzjoni ta’ dawn l-ingredjenti attivi għandha tappartjeni neċċessarjament, fid-dawl tad-deskrizzjoni u tad-disinni ta’ din il-privattiva, għall-invenzjoni koperta minnha, u
- kull wieħed mill-imsemmija ingredjenti attivi għandu jkun spċifikament identifikabbi, fid-dawl tal-elementi kollha żvelati mill-imsemmija privattiva.

Minn dan jirriżulta li, fid-dawl tal-objettivi mfittxija mir-Regolament Nru 469/2009, it-talbiet ma jistgħux jippermettu lill-proprietarju tal-privattiva bażika jibbenfika, permezz tal-ksib ta’ ĊPS, minn protezzjoni li tmur lil hinn minn dik mogħtija għall-invenzjoni koperta minn din il-privattiva. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(a) ta’ dan ir-regolament, it-talbiet tal-privattiva bażika għandhom jinftieħmu abbażi tal-limiti ta’ din l-invenzjoni, hekk kif tirriżulta

MT

mid-deskrizzjoni u mid-disinni ta' din il-privattiva. Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li s-suġġett tal-protezzjoni mogħtija minn ĊPS għandu jkun limitat għall-karatteristiċi tekniċi tal-invenzjoni koperta mill-privattiva bażika, kif mitluba minn din il-privattiva.

(ara l-punti 43, 46, 57, u d-dispożittiv)